# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-9 ta' Marzu 2012

## li taħtar membru wieħed tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

(2012/C 74/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 79 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprevedi li l-Kunsill għandu jaħtar bħala Membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("il-Bord ta' Tmexxija") rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.

(2) Bid-Deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 2011 ([2]) il-Kunsill ħatar 15-il membru tal-Bord ta' Tmexxija, li wieħed minnhom huwa mill-Portugall.

(3) Il-Gvern Portugiż informa lill-Kunsill dwar l-intenzjoni tiegħu li jissostitwixxi lir-rappreżentant Portugiż fil-Bord ta' Tmexxija u ppreżenta nomina għal rappreżentant ġdid, li għandu jinħatar għal perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2015,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Paulo Guilherme DA SILVA LEMOS ta' nazzjonalità Portugiża, imwieled fid-9 ta' Lulju 1963, għandu jinħatar membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi minflok is-Sur Mário GRÁCIO għall-perijodu mill-15 ta' Marzu 2012 sal-31 ta' Mejju 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. AUKEN

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 151, 21.5.2011, p. 1.